MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 2472/2003

**Carol Zammit**

**vs**

**John Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Dicembru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mija u wiehed liri Maltin u sitta u tmenin centezmu (Lm101.86) rapprezentanti kwantu ghall-ammont ta' sitta u erbghin lira u hdax-il centezmu nofs l-ispejjez edukattivi dovuta mill-konvenut ai termini ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Marco Burlo` datat 30 ta' Settembru, 1999 u kwantu ghal hamsa u hamsin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm55.75) bhala drittijiet u spejjez legali inkorsi mill-attrici**

**sabiex il-konvenut jottempera ruhu mal-obbligi minnu assunti fuq l-imsemmi kuntratt;**
**Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-13 ta' Jannar, 2004, fejn intqal illi t-talba tal-attrici qed tigi kontestata stante li ebda ammont ma huwa dovut kif premess mill-attrici;**
**Illi aktar minn hekk u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talba ghal hamsa u hamsin lira u hamsa u sebghin centezmu (Lm55.75) spejjez legali hija legalment insostenibbli u fi kwalunkwe kaz eccessiva.**

**Semgha x-xhieda ta' Carol Zammit u John Zammit. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. L-attrici qed titlob is-sehem dovut minn zewgha ghall-ispejjez edukattivi ta' uliedhom minuri skond kif stipulat fil-kuntratt ta' separazzjoni tat-30 ta' Settembru, 1999, fl-Atti tan-Nutar Marco Burlo`.**
**2. Fil-fatt l-klawsola 7 tal-kuntratt (a fol.11 tal-process) tghid hekk fost ohrajn: "Ir-ragel jintrabat li jhallas……….nofs l-ispejjez konnessi mal-edukazzjoni tal-istess ulied minuri…………Ir-ragel ikun tenut ihallas dawn l-ispejjez basta jkun avzat minn qabel u jigu approvati minnu."**
**3. Mill-provi jirrizulta li tassew il-konvenut kien hallas ghall-diversi affarijiet in konnessjoni ma l-edukazzjoni tat-tifla li kienet bdiet il-Junior College. Jidher ukoll illi it-tifla uzat s-"Smart Card" biex tixtri affarijiet. It-Tribunal ma jistghax ma jirrimarkax fir-rigward illi dik l'hekk imsejha "Smart Card" qieghda hemm biex tkopri spejjez edukativi. Skond l-attrici din fil-fatt intuzat ghal hekk.**
**4. Issa apparti minn dan jidher illi l-attrici inkorriet xorta wahda xi spejjez in konnessjoni ma l-edukazzjoni tat-tifla. Ma hemmx dubbju li l-ispejjez fl-edukazzjoni tat-tfal huma ta' certu portata, u anke jekk**

**il-konvenut nefaq certu ammont dan ma kienx sufficenti.**

**5. L-ammont reklamat mill-attrici ghall-ispejjez edukazzjonali fil-fatt ma inghatax kif suppost. Il-konvenut jghid li dan ghamlu ghax ma giex avzat. It-Tribunal, sabiex il-partijiet ikunu jafu jiggwidaw ruhhom ahjar fil-futur, qed jaghmilha cara li l-klawsoli tal-kuntratt ghandhom jigu rispettati. Hekk, jekk l-omm ghandha tixtri xi affarijiet konnessi mal-edukazzjoni tat-tfal, hija obbligata mhux biss li tavza lill-missier b'dan, izda tali spejjez jehtiegu l-approvazzjoni tieghu. Dana jaghmel sens, tenut kont li l-ispejjez edukazzjonali jafu jitilghu konsiderevolment aktar ma jikbru l-ulied. Ma jkollha ebda dritt ghar-risrciment l-attrici jekk ma ssegwix dawn il-linji gwida li jistipula l-istess kuntratt.**

**6. F'dan il-kaz, tenut kont tal-fatti, it-Tribunal qed jaccetta li l-konvenut inghata l-breakdown tal-ispejjez edukattivi, u li hu obbligat ihallashom, u dana fl-ammont ta' sitta u erbghin lira u hdax-il centezmu.**

**7. Il-punt l-iehor jirrigwarda d-drittijiet legali inkorsi mill-attrici in konnessjoni mal-kaz. Tassew li ghaddiet hafna korrispondenza bejn il-partijiet, u jidher li sar hafna xoghol mill-Avukati fir-rigward. It-Tribunal fir-rigward hu tal-fehma illi din il-korrispondenza ma ghaddietx tort ta' xi parti, izda biex jigu iccarati l-affarijiet bejn il-partijiet, haga piuttost evidenti fic-cirkostanzi. Ghalhekk il-konvenut ma ghandux ibati dawn l-ispejjez legali li ghamlet l-attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament ghal dak li jirrigwarda spejjez edukattivi u dana fl-ammont imsemmi ta' sitta u erbghin lira u hdax-il centezmu (Lm46.11) filwaqt illi qed jichad it-talba tal-attrici dwar l-ispejjez legali. Konsegwentement it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici is-somma ta' sitta u erbghin lira u hdax-il centezmu (Lm46.11) bl-imghax legali dekorribbli mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi tal-kaz l-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------